MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 138/1994/2

**Victor Deguara**

**vs**

**George Bonnici u Alan Bonnici it-tnejn bhala diretturi f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Bonfam (Insurance Services) Limited u din bhala agent u/jew rapprezentanti tas-socjeta' estera assikuratrici Gresham Fire and Accident Insurance Society Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta :

1. Illi huwa dahal f'polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta' Bonfam (Insurance Services) Limited ghan-nom tas-socjeta' asskuratrici estera assikuratrici Gresham Fire and Accident Insurance Society Limited kontra r-riskji indikati fil-polza document ‘A’ li kienet tkopri s-serq ghar-rigward tal-kontenut tal-fond Highlander Bar & Restaurant.

2. Illi l-fond gie misruq fl-10 ta' Ottubru 1992; liema oggetti nieqsa gew ahjar deskritti fi statement li l-attur ghamel lill-Pulizija u kif ahjar indikat fil-kopja tal-inkjesta tal-Magistrat – dokument ‘B’.

3. Illi s-socjeta' konvenuta' giet interpellata thallas.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. tiddikjara illi a tenur tal-Polza is-socjeta' konvenuta hija responsabbli li tirrisarcixxi lill-attur ghall-oggetti tas-serq.

2. tillikwida l-kumpens dovut.

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Il-konvenuti gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati preliminarjament a tenur tal-klawsola 6 (a) tal-Polza peress illi l-allegata serqa ma kienetx tinvolvi "entry to or exit from the Premises by forcible and violent means".

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti m'humiex obbligati jindenizzaw lill-attur a tenur tal-Artikolu

6 (a) (ii) tal-Polza peress illi s-serqa saret mis-socju jew persuna interessata fin-negozju tal-istess attur.

3. Fit-tielet lok, dejjem bla pregudizzju ghas-suespost l-attur kiser il-klawsoli tlieta (3) u hamsa (5) tal-"General Policy Conditions" tal-Polza u konsegwentement tilef kull beneficcju illi talvolta seta kellu fir-rigward'.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-attur.

Semghet lill-konvenut George Bonnici.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 1996 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni rigwardanti l-fatt li l-allegata serqa ma kienitx tinvolvi sgass.

Semghet l-attur.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn giet eccepita l-carenza ta' interess guridiku da parti ta' l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni relattiva tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti rigwardanti l-eccezzjoni ulterjuri taghhom.

Rat ir-replika tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri rigwardanti l-karenza tal-interess guridiku da parti ta' l-attur.

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li huwa assikura ruhu kontra kull riskju, inkluz is-serq, permezz ta’ polza ta' assikurazzjoni mal-konvenuti ghar-rigward tal-kontenut tal-fond Highlander Bar & Restaurant. Ikompli jippremetti li kien hemm serqa ta diversi oggetti mill-imsemmi fond fl-10 ta' Ottubru 1992 u li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jindennizzawh ghall-imsemmija oggetti misruqa ai termini tal-imsemmija polza ta’ assikurazzjoni. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuti huma tenuti li jirrisarcixxu lill-attur. Qed jitlob ukoll li jigi likwidat il-kumpens relattiv dovut u li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-ammont hekk likwidat.

Il-konventuti fl-ewwel lok qed jeccepixxu s-serqa in kwestjoni ma kienitx tinvolvi sgass. Din l-eccezzjoni giet michud bl-imsemmija sentenza tal-10 ta’ Ottubru 1996. Il-konvenuti, fit-tieni lok, qed jeccepixxu li mhux tenuti jindenizzaw lill-attur skond il-klwsola 6(a)(ii) tal-polza billi s-serqa saret minn socju jew persuna interessata fin-negozju in kwestjoni tal-attur.  Fit-tielet lok, jeccepixxu li l-attur naqas li joqod ghal dak li hemm provdut fil-klawsoli 3 u 5 tal-"General Policy Conditions" tal-polza u b’hekk l-attur tilef kull dritt naxxenti mill-polza. Il-konvenuti qed jeccepixxu ulterjorment li l-interess guridiku tal-attur hu karenti f’dawn il-proceduri.

Bil-presenti qed tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri rigwardanti l-karenza tal-interess guridiku da parti ta’ l-attur. Il-konvenuti fid-dikjarazzjoni guramentata relattiva kkonfermaw li s-serqa in kwestjoni saret fi zmien meta l-Highlander Bar & Restaurant kien operat minn terzi cioe’ Favi Limited kif ikkonferma l-istess attur. Kwindi l-attur ma ghandux interess guridiku f’dina l- kawza.

Ghalhekk jidher li l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tirrigwarda l-fatt li l-istabiliment in kwestjoni, fiz-zmien tas-serqa, kien gestit minn terzi u mhuz mill-attur. Dan hu fatt li hu ammess mill-istess attur. Skond il-konvenuti minhabba dan l-istess fatt, l-attur mhux intitolat li jipproponi l-presenti proceduri;

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur fis-sens li, skond it-termini tal-polza ta’ assikurazzjoni in kwestjoni, hu ghal kollox irrilevanti u immaterjali minn kien qed igestixxi n-negozju fil-hin li saret is-serqa in kwestjoni. In effett hu minnu li n-negozju kien gestit mill-imsemmja socjeta’, pero’, l-proprjeta tal-fond u, iktar imporatanti, tal-oggetti li kien hemm fl-istess fond, kienet u baqghet tal-attur u ta’ certu Gough. F’dan ir-rigward jidher li l-attur u l-imsemmi Gough kienu ko-proprjetarji tal-istess fond u kienu socji fin-negozju gestit fl-istess fond. B’hekk jirrizulta indubbjament li l-oggetti li nsterqu kienu, almenu in parte, proprjeta’ tal-attur.

Il-kaz in esami jirrigwarda polza ta’ assikurazzjoni u ghalhekk ghandu jirrizulta ukoll dak li hu msejjah bhala “insurable interest.” F’dan ir-rigward ghandu jirrizulta li l-attur kellu d-dritt li jittutlela ruhu ghar-rigward tal-oggetti assikurati permezz tal-polza ta’ assikurazzjoni in kwestjoni. Ghandu jirrizulta ukoll li dan hu dritt li hu rikonoxxut lill-attur mill-ligi u li jinvolvi riskju li l-attur ghandu intertess li jassikura kontra tieghu. Ghandu jirrizulta ukoll li fil-kaz li l-haga assikurata tinqered, l-attur b’xi mod jista jbghati pregjudizzju jew danni, jew li huwa jista jigi espost ghal xi responsabbilita’ legali. Kwindi peress li dawn l-elementi kollha jirrizultaw u peress li l-attur jirrizulta ko-proprjetarju tal-oggetti in kwestjoni u kwindi kellu interess fl-istess oggetti, jirrizulta li hemm l-interess guridiku necessarju sabiex l-attur jassikura l-oggetti u konsegwentement li l-attur jipproponi dawn il-proceduri bil-ghan li jitlob risarciment mill-konvenuti ghar-rigward tal-oggetti misruqa.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jissottomettu ukoll li qed jeccepixxu l-karenza ta’ interess guridiku tal-attur ghar-rigward tal-fatt li l-oggetti in kwestjoni, u cioe’ li nsterqu, ma jappertjenux lill-attur.

Fir-rigward ta’ din is-sottomissjoni l-fatti rilevanti li jirrizultaw u li ukoll jidher li hemm il-qbil dwarhom tal-partijiet, huma s-segwenti:

1. Il-fond Highlander Pub & Restaurant, Triq Elia Zammit, San Giljan, li illum jappartjeni interament lill-attur, fiz-zmien in kwestjoni kien proprjeta kwantu ghal tlett kwarti indivizi tal-imsemmi Frank Gough u kwantu ghar-rimanenti kwart indiviz tal-attur. L-oggetti li kien hemm fl-istess fond ukoll kienu jappartjenu in komproprjeta, skond l-imsemmija ishma, lill-istess Gough u lill-attur.

2. L-imsemmi Gough u l-attur kienu socji fin-negozju gestit fl-imsemmi fond.

3. Fiz-zmien in kwestjoni, jidher li n-negozju fil-fond in kwestjoni kien gestit minn socjeta' kummercjali li fiha kellhom xi interess l-istess attur u Gough. .

4. Il-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni (numru 18/08409) hi datata 23 ta' Marzu, 1992 u fost riskji ohra kienet tkopri ukoll is-serq tal-kontenut tal-imsemmi fond. Din il-polza inhaerget mill-konvenuti f'isem l-attur ghan-nom tal-Highlander Pub.

5. Ghalhekk il-partijiet ghar-rigward tal-kuntratt ta' assikurazzjoni in kwestjoni huma l-attur u l-konvenuti.

6. L-istess Gough kien ammetta li kien hu li dahal fl-imsemmi fond u ha l-affarijiet u l-oggetti li ghar-rigward taghhom l-attur qed jitlob li jigi risarcit il-valur taghhom mill-konvenuti.

Li ghandu jigi deciz hu jekk a bazi ta' dawn il-fatti l-attur kellux l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex jipproponi dawn il-proceduri. Gie diversi drabi ritenut li l-interess irid ikun guridiku fis-sens li t-talba trid tkun bazata fid-dritt u li d-dritt in kwestjoni gie vjolat. Inoltre l-interess irid ikun dirett u cioe' li ghar-rigward tad-dritt in kwestjoni hemm kontestazzjoni jew hemm konsegwenza ta' kontestazzjoni. Irid ikun ukoll personali, cioe' l-vjolazzjoni tad-dritt jirrigwarda lill-attur u irid ukoll ikun attwali u cioe' li l-interess hu il-konsegwenza ta' vjolazzjoni ta' dritt. Minn dan kollu jirrizulta li bla dubbju l-iskop tal-ligi hu li l-interess li hu bbazat fid-dritt jigi tutelat u protett.

Kif gia gie rilevat din hi kawza li tinvolvi polza ta' assikurazzjoni u ghalhekk irid ukoll jirrizulta l-"insurable interest" u cioe' l-interess tal-attur li jassikura kontra certi riskji rigwardanti l-haga assikurata, li minnha jista jiehu vantagg jew isofri pregudizzju jekk certi cirkostanzi jissuccjedu. Kif gia gie rilevat jista jinghad li l-interess li wiehed jassikura l-haga hu ekwivalenti ghall-interess li l-istess assikurat ghandu fil-haga assikurata u fil-pregudizzju jew dannu li jista jsofri jekk l-haga assikurata per ezempju tinsteraq, bhal fil-kaz in esami.

Isegwi ghalhekk li fil-kaz in esami jista jinghad li l-attur ma sofra l-ebda pregudizzju jew dannu mis-serqa in kwestjoni ghar-rigward ta' dak is-sehem tal-oggetti li ma kienx jappartjeni lill-istess attur. L-"insurable interest" tal-attur jirrizulta ghar-rigward ta' sehem tieghu fl-oggetti in kwstjoni u cioe' il-25% tal-effetti mobbili in kwestjoni. L-interess tal-attur ghalhekk hu ristrett ghal sehemu fl-istess oggetti li nsterqu.

Hu principju basiku li fil-kuntratt tal-assikurazzjoni l-assikurat ma jistax jitlob risarciment tal-valur tal-haga assikurata jekk il-haga mhux tieghu u jekk almenu ma jirrizulta li almenu l-assikurat ser ibghati minn xi forma ta responsabilita' legali bhala konsegwenza tat-telfien tal-haga assikurata. Hu ghalhekk ovvju li hu is-sid tal-oggetti li nsterqu jew minn jista ibghati xi pregudizzju jew dannu bhala konsegwenza tal-istess serq, li ghandu l-interess guridiku li jitlob li jigi risarcit il-prezz tal-istess oggetti. L-attur stess jammetti li dawn l-oggetti, meta sehhet is-serqa, kienu jappartjenu kwantu ghal-tlett kwarti lill-Gough u kwantu ghar-rimanenti kwart lilu. Ghalhekk Gough, li, kif rilevat, jirrizulta li kellu il-75% sehem fl-oggetti in kwestjoni mhux parti f'din il-kawza. L-attur ippropona dawn il-proceduri pero' l-istess attur hu intititolat li jitlob biss ir-risarciment tal-25 % tal-valur tal-oggetti in kwestjoni peress li, kif gia rilevat, dan hu l-interess li ghandu l-attur fl-oggetti in kwestjoni;

Jigi notat li ghar-rigward ta' 75% ta' l-affarijiet li nsterqu ma gie vjolat l-ebda dritt fil-konfront tal-attur. Inoltre jekk l-attur jigi rizarcit tal-prezz kollu tal-affarijiet li nsterqu u li in

parte japparjentu lit-terzi, l-attur ikun qed jigi vantaggat ingustument billi ikun qed jigi risarcit ta’ sehem li mhux tieghu.

Il-konvenuti jissottomettu, inoltre, li anke ghar-rigward tal-25% tal-valur tal-oggetti, din l-azzjoni tal-attur m’ghandiex tirnexxi stante li l-attur qatt ma identifika la l-oggetti li hu jghid li huma tieghu u lanqas l-oggetti li kienu jappartjenu lill-Gough. Din il-sottomissjoni, pero’, mhux sostenibbli. Li jirrizulta hu li l-attur kellu sehem indiviz tal-oggetti kollha li kienu s-suggett tas-serqa. Ghalhekk mhux il-kaz li jigu individwati l-oggetti bhala tieghu u dawk li kienu ta’ Gough. Hu minnu li l-attur jghid li uhud mill-oggetti in kwestjoni kienu ta’ proprjeta’ esklussiva tieghu. Dan, pero’, bl-ebda mod ma jirrizulta.

Hu minnu ukoll li l-attur dejjem hallas il-premium u l-konvenuti qatt ma ghamlu xi rizervi dwar l-interess tal-attur li johrog il-polza in kwestjoni. Ma jirrizultax, pero’, li l-attur qatt svela lill-konvenuti li huwa kien biss proprjetarju ta’ 25% tal-oggetti li kien hemm fil-fond in kwestjoni u li l-75% tal-istess oggetti kien jappartjeni lill terzi. Semmai, skond l-esitu ta’ dawn il-proceduri, jista jkun li l-attur ikollu d-dritt li jitlob ir-rifuzjoni ta’ parti mill-premium li hu hallas lill-konvenuti.

L-attur jissottometti li n-nozzjoni ta’ interess guridiku tmur oltre l-interess tal-proprjeta tal-affarijiet mertu ta’ dawn il-proceduri, kif qed isostnu l-konvenuti. L-attur ikompli jsostni, f’dan ir-rigward, li r-relazzjoni bejn il-kontendenti hi essenzjalment wahda kontrattwali billi l-istess partijiet iffirmaw il-polza in kwestjoni u li a bazi taghha qed isiru dawn il-proceduri. Ghalhekk skond l-attur l-interess guridiku tal-attur jirrizulta mill-polza stess u li f’relazzjonijiet guridici ibbazati fuq skrittura jew ftehim lanqas ma hu l-kaz li jigi esaminat l-interess guridiku.

Hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti li dawn is-sottomissjonijiet jistghu jkunu korretti, pero’fil-kaz ta’ certi obbligazzjonijiet ohra, pero’ zgur mhux f’kawzi rigwardanti l-assikurazzjoni fejn hu rilevanti li mhux biss jirrizulta l-interess guridiku izda ghandu ukoll jigi pruvat l-“insurable interest”.

Hu minnu li d-detentur jew l-inkwilin ta' oggett u "trustee", jistghu, anke minghajr ma jigi ddikajrat lill-assikurazzjoni n-natura taghhom, jassikuraw il-haga fil-pussess taghhom pero' biss ghal dak li jirrigwarda l-kaz meta r-riskju jkun avvera ruhu u bhala konsegwenza l-assikurat (inkwilin jew it-trustee) jistghu jsofru xi pregudizzju jew xi danni, jew jistghu jigu esposti ghal xi konsegwenzi legali.

B'hekk l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi akkolta pero' limitatament li hemm karenza tal-interess guridiku tal-attur ghar-rigward ta' 75% tal-valur tal-oggetti in kwestjoni. Isegwi li f'kaz ta esitu posittiv ta' dawn il-proceduri ghall-attur, l-istess attur jista jigi risarcit biss kwantu ghal 25% tal-valur tal-istess oggetti.

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar il-karenza tal-interess guridiku tal-attur li jipproponi din il-kawza billi tilqa l-istess eccezzjoni ulterjuri limitatanment ghar-rigward ta' 75% tal-valur tal-oggetti in kwestjoni.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Tiddifferixxi l-kawza ghal-provi kollha tal-partijiet dwar ir-rimanenti eccezzjonijiet u dwar il-meritu ghas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2009 fid-9:00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------